# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Lulju 2025**

**Avviż Nru: 137/2024**
**Nru fuq il-Lista: 2**

**Fl-Atti tal-Ittri Uffiċjali 166A bin-numri 1749/2022 u 95/2022 fl-ismijiet:**

**Maria Dolores Taliana (K.I. 539852M), Trevor Taliana (K.I. 270381M) u Elton Taliana (K.I. 146680M)**

**vs**

**Maria Sonia Pace (K.I. 31870M)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur imressaq minn Maria Sonia Pace nhar it-2 ta' Lulju 2024[1], fejn *ad litteram* ġie premess u mitlub hekk:

1. ***ILLI*** *fid-data ta' 20 ta' Lulju tas-sena 2022 il-kontendenti Taliana intavolaw ittra ufficjali enumerata 1749/22 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)*

[1] A fol 1 tal-proċess.

*u dana ai termini ta' l-Artikolu 166A li giet reza ezekuttiva (Dokument hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok 'A')***

2. **ILLI** *konsegwentement fid-data ta' 15 ta' Settembri 2022 il-kontendenti familja Taliana intavolaw ittra ufficjali indentika ulterjuri enumerata 95/22 fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili wkoll ai termini ta' l-Artikolu 166A (Dokument hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok 'B'****, liema procedura wkoll giet reza eżekuttiva.*

3. **ILLI** *l-ittra gudizzjarja surriferita ossia l-ittra ufficjali 95/22 ai termini ta' l-Artikolu 166A hija nulla u minghajr effett fil-ligi u dana stante illi ma tirrespettax ir-rekwiziti mandatarji tal-Artikolu 187, 166A (1),(2) eq seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijijet ta' Malta.*

4. **ILLI** *fl-ewwel lok l-ammont mitlub mill-kontendenti Taliana fl-ittra ufficjali 95/22mhux talli mhuwiex cert likwidu u dovut izda talli l-procedura wkoll hija bazata fuq terminu preskritt u kontenut invertiera u bazata fuq qerq u dana minbarra illi Maria Sonia Pace qatt ma giet notifikata personalment bl-ittra u dana skond l-Artiolu 166A (5) (i) u 166A (5) (ii) tal-Kap 12 tal-Ligijiejt ta' Malta u mandankollu qatt ma ffirmat ghall-ebda posta b'registrazzjoni Nru 279.*

5. **ILLI** *biex kreditu jitqies li huwa certu jehtieg li jkun hemm certu element illi jippruvaw l-ezistenza tal-kreditu u d-dritt tal-kreditur li jircieva s-somma mitluba minnu. Illi sabiex il-kreditu jitqies li huwa likwidu jehtieg illi l-ammont mitlub ikun gie espress b'mod preciz u mhux b'mod generiku u finalment biex kreditu jitqies li huwa dovut jehtieg illi dan ma jkunx soggett ghal xi kundizzjonijijet jew termini li jaghmluh mhux ezigibbli*

*f'dan l-istadju. Illi ghalhekk m'hemm xejn li jindika illi l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali huwa cert, likwidu u dovut.*

6. *Kif ingħad minn din il-Qorti diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet: Carmelo Bianco noe v.Terence Farrugia (Rik 175/2018, Maġistrat Rachel Montebello, deċiża 26 ta' Settembru 2018): "kif inhuwa pacifiku fl-ordinament guridiku taghna, il-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u bhala tali ir-regoli proċedurali jehtiegu li jigu osservati rigorozament ... F'kull kaz, billi l-eccezzjoni (ta' nullita) hija wahda ta' ordni pubbliku, in-nullita` ta' att gudizzjarju jista' jigi sollevat ex officio mill-qorti nnifisha u dan, f'kull kaz, oltre ghas-setgha ta' din il-Qorti ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 213 tal-Kap. 12*

7. ***ILLI** Kif ingħad minn din il-Qorti diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet: Carmelo Bianco sive Charles ghan-nom tas-Socjeta' Western Company vs Terence Farrugia (ECLI:MT:CIV:2018:113355), Maġistrat Rachel Montebello, deċiża 26 ta' Settembru 2018): "kif inhuwa pacifiku fl-ordinament guridiku taghna, il-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u bhala tali ir-regoli proċedurali jehtiegu li jigu osservati rigorozament ... F'kull kaz, billi l-eccezzjoni (ta' nullita) hija wahda ta' ordni pubbliku, in-nullita` ta' att gudizzjarju jista' jigi sollevat ex officio mill-qorti nnifisha u dan, f'kull kaz, oltre ghas-setgha ta' din il-Qorti ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 213 tal-Kap. 12.*

8. ***ILLI** madankollu l-ittra gudizzjarja surriferita ossia l-ittra ufficjali 1749/22 ai termini ta' l-Artikolu 166A hija nulla u minghajr effett fil-ligi u dana stante illi ma tirrespettax ir-rekwiziti mandatarji tal-Artikolu 187, 166A (1),(2) eq seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

9. ***ILLI*** *l-ammont mitlub mill-kontendenti Taliana fl-ittra ufficjali 1749/2022 mhux talli mhuwiex cert likwidu u dovut izda talli l-procedura wkoll hija bazata fuq terminu preskritt u kontenut invertiera u bazata fuq qerq u dana minbarra illi Maria Sonia Pace qatt ma giet notifikata personalment bl-ittra u dana skond l-Artiolu 166A (5) (i) u 166A (5) (ii) tal-Kap 12 tal-Ligijiejt ta' Malta u mandankollu qatt ma ffirmat ghall-ebda posta b'registrazzjoni nonostante jindika li giet notifikata.*

10. ***ILLI*** *inoltre qed jigi relevat illi l-proceduri intavolati imorru kontra l-provizjonijijet tal-Kap 12 tal-Ligijijet ta' Malta stante li r-rikkorrenti qatt ma setghu jiksbu titolu ezekuttiv ghal darbtejn fuq l-istess proceduri identici.*

*GHALDAQSTANT, ghar-ragunijijet premessi l-esponent umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara illi prevja kull provediment li thoss opportune li taghti, li tiddikjara u tiddeciedi ai termini tal-artikolu 166A (5) (ii) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura li l-ammont mitlub fl-imsemmija ittra ufficjali bir-referenza numru 95/2022 mhuwiex wiehed cert, likwidu u dovut u hija nulla u minghar effett fil-ligi u konsegwentement tordna r-rexxissjoni tal-istess.*

2. *Tiddikjara illi prevja kull provediment li thoss opportune li taghti, li tiddikjara u tiddeciedi ai termini tal-artikolu 166A (5) (i) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura li n-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali bir-referenza numru 95/2022 hija nulla u minghar effett fil-ligi u konsegwentement tordna r-rexxissjoni tal-istess.*

**3.** *Tiddikjara illi prevja kull provediment li thoss opportune li taghti, li tiddikjara u tiddeciedi ai termini tal-artikolu 166A (7) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura li n-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali bir-referenza numru 95/2022 hija nulla u minghar effett fil-ligi u konsegwentement tordna r-rexxissjoni tal-istess*

**4.** *Tiddikjara illi prevja kull provediment li thoss opportune li taghti, li tiddikjara u tiddeciedi ai termini tal-artikolu 166A (5) (ii) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura li l-ammont mitlub fl-imsemmija ittra ufficjali bir-referenza numru 1479/22 mhuwiex wiehed cert, likwidu u dovut u hija nulla u minghar effett fil-ligi u konsegwentement tordna r-rexxissjoni tal-istess.*

**5.** *Tiddikjara illi prevja kull provediment li thoss opportune li taghti, li tiddikjara u tiddeciedi ai termini tal-artikolu 166A (5) (i) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura li n-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali bir-referenza numru 1479/2022 hija nulla u minghar effett fil-ligi u konsegwentement tordna r-rexxissjoni tal-istess.*

**6.** *Tiddikjara illi prevja kull provediment li thoss opportune li taghti, li tiddikjara u tiddeciedi ai termini tal-artikolu 166A (7) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura li n-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali bir-referenza numru 1479/2022 hija nulla u minghar effett fil-ligi u konsegwentement tordna r-rexxissjoni tal-istess*

**7.** *Tiddikjara konsegwentement it-titolu ezekuttiv ottjenut minn Maria Dolores Taliana, Trevor Taliana u Elton Taliana in virtu tal-ittra gudizzjarja, bir-referenza numru 1479/2022 bhala null u minghajr effett fil-ligi u konsegwenement tordna r-revoka tat-titolu ezekuttiv imsemmi.*

**8.** *Tiddikjara konsegwentement it-titolu ezekuttiv ottjenut minn Maria Dolores Taliana, Trevor Taliana u Elton Taliana in virtu tal-ittra gudizzjarja, bir-referenza numru 95/2022 bhala null u minghajr effett fil-ligi u konsegwenement tordna r-revoka tat-titolu ezekuttiv imsemmi.*

*Bl-ispejjes kontra Maria Dolores Taliana, Trevor Taliana u Elton Taliana*

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Lulju 2024[2].

Rat ir-risposta ta' Maria Dolores Taliana, Trevor Taliana u Elton Taliana mressqa fis-27 ta' Awwissu 2024[3], fejn ġie eċċepit hekk:

*1. Preliminarjament, l-esponenti jopponi ghat-talba tal-intimata stante illi r-Rikors promotur huwa null u bla effett gialadarba ġie ppreżentat fuori termini u cioe' ferm wara "għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu" (Artikolu 166A (5) tal-Kap 12) stante illi l-intimata kienet ġiet notifikata fi Ċedola ta' Depożitu 206/2023 fil-15 ta' Frar 2023 (vide* ***Dok A*** *kopja annessa ta' Ċedola).*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimata kienet ġiet notifikata bil-kreditu favur l-esponenti kemm bl-ittra uffiċjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 1749/2022 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u kemm sussegwentement l-ittra uffiċjali fil-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili numru 95/2022 għal liema ittri l-istess intimata għażlet li ma tirrispondix minkejja li l-intimata qed tipprova tiżgwida billi*

[2] A fol 30 tal-proċess.
[3] A fol 41 *et seq* tal-proċess.

*tiċħad li ġiet notifikata personalment bl-ittra uffiċjali numru 95/2022 iżda jidher li mhux qed tikkontesta n-notifika tal-ittra nurmu 1749/2022.*

*3. Illi l-esponenti jiddetjenu titolu eżekuttiv validu stante illi kif jirriżulta mill-ittra uffiċjali u anki mid-dokumenti annessi d-dejn huwa wieħed ċert, likwidu u dovut tant illi l-intimata ħallset diversi pagamenti akkont tad-debitu dovut lid-defunt Mark Taliana (K.I. Nru. 270481M) u in segwitu lill-eredi tiegħu ossia l-esponenti (vide* **Dok B** *kopja tal-causa mortis u kopja tal-kommunikazzjoni tramite SMS).*

*4. Illi r-Rikors promotur tal-intimata bl-ebda mod ma jinkwadra fil-kriterji tal-Artikolu 166A (5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan stante illi:*

*i) ma ġiex intavolat entru t-terminu ta' 20 ġurnata konċess mil-Liġi a bażi tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap 12;*
*ii) mhux minnu li l-intimata debitriċi ma kinitx taf fl-ittra uffiċjali stante illi mir-referta jirriżulta ċar li ġiet notifikata lilha;*
*iii) mhux minnu li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3).*

*5. Illi l-intimata naqqset li tikkontesta t-talba tal-esponenti mressqa permezz tal-ittra uffiċjali stante illi hija taf li d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u di fatti lanqas in segwitu meta ġiet notifikata bi Ċedola u wisq inqas bil-Mandat ta' Sekwestru ma kkontestat id-debitu dovut.*

*Ghal dawn il-motivi, l-esponenti jisħqu li tenut kont tas-suespost l-proċedura addottata permezz tal-Ittra Ufficjali taħt l-atikolu 166A tal-Kap*

*12 tal-Liġijiet ta' Malta hija waħda valida u t-talbiet tal-initimata għandhom jiġu miċħudin.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimata.*

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2024[4] fejn instemgħet ix-xhieda ta' l-Assistent Reġistratur Marbeck Spiteri[5], tal-Marixxall Carmen Cutajar[6] u ta' Carmen Scerri Lautier[7] bħala rappreżentant tal-MaltaPost.

Rat dak li seħħ fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2025[8] fejn instemgħet ix-xhieda ta' l-*usher* Rita Spiteri[9], ta' Tyrone Pace[10], ta' Nathan Bugeja[11], ta' Maria Sonia Pace[12], ta' Cleydine Pace[13] u ta' Elton Taliana[14]. Waqt din is-seduta wkoll ġiet imressqa nota[15] minn Maria Sonia Pace, kontenenti affidavit tagħha stess.

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2025[16] meta nstemgħet ix-xhieda ta' Elton Taliana, seħħet it-trattazzjoni finali u l-proċeduri tħallew għad-deċiżjoni finali.

Rat l-atti proċesswali kollha.

[4] A fol 72 tal-proċess.
[5] A fol 73 *et seq* tal-proċess.
[6] A fol 138 *et seq* tal-proċess.
[7] A fol 147*et seq* tal-proċess.
[8] A fol 160 *et seq* tal-proċess.
[9] A fol 162 *et seq* tal-proċess.
[10] A fol 164 *et seq* tal-proċess.
[11] A fol 171 *et seq* tal-proċess.
[12] A fol 179 *et seq* tal-proċess.
[13] A fol 186 *et seq* tal-proċess.
[14] A fol 192 *et seq* tal-proċess.
[15] A fol 181 *et seq* tal-proċess.
[16] A fol 202 tal-proċess.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, Maria Sonia Pace ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda titlob it-tħassir u rexissjoni tat-titolu eżekuttiv ottjenut b'ittri uffiċjali maħruġa a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, speċifikament l-ittri uffiċjali bin-numru 1749/2022 imressqa fir-reġistru ta' din il-Qorti u bl-ismijiet Maria Dolores Taliana *et* vs Maria Sonia Pace, u dik bin-numru 95/2022 imressqa fir-reġistru tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u bl-istess ismijiet hawn premessi.

Illi x-xhieda kienet din li ssegwi.

Illi xehdet in eżami[17] Marbeck Spiteri, Assistent Reġistratur. Hija tgħaddi sabiex tippreżenta kopji tal-atti relattivi, eskluż il-*pink card* tal-ittra uffiċjali enumerata 95/2022 imressqa fir-reġistru tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, u eskluż ukoll il-*pink card* taċ-ċedola enumerata 206/2023, u dan peress li tispjega li dawn il-*pink cards* jinżammu għand il-purtier peress li dawn huma tal-Prim' Awla. Fir-rigward tan-notifika tispjega li l-firma ta' min ikun ġabar l-att tkun biss fuq il-*pink card,* u r-riferta bit-timbru fuq l-att issir mill-purtier wara li dan ikun ra l-*pink card.*

Illi xehdet il-Marixxall Carmen Cutajar in eżami[18]. Hija tgħaddi sabiex tippreżenta kopja tal-*pink card* tal-ittra uffiċjali enumerata 95/2022. Tispjega li l-ewwel isem fuq il-*pink card* ma tantx jintaraf, iżda l-kunjom jidher li huwa Pace. Tispjega wkoll li meta hi tiġi biex tagħmel it-timbru tar-riferta, hi ma tniżżilx l-isem tal-persuna li tkun iffirmat għall-att, iżda l-prassi hi li tikteb l-isem tal-persuna lil min l-att ikun indirizzat u kellu għalhekk jiġi notifikat. Tgħid li ittri bħal dawn jitqassmu mill-pustier, imbagħad hi tagħmel it-timbru tar-riferta skont

[17] A fol 73 *et seq* tal-proċess.
[18] A fol 138 *et seq* tal-proċess

dak li tirċievi lura. Tgħid li n-notifika f'dan il-każ saret fl-indirizz Flat 5, Entratura A, Binja tat-Torri tal-Qattus, Birkirkara.

Illi xehdet in eżami[19] Carmen Scerri Lautier bħala rappreżentant tal-Maltapost p.l.c. Hija tispjega li fuq l-att l-indirizz ma rriżultax li kien ċar biżżejjed u dan peress li l-indirizz sħiħ kellu jkun Binja tat-Torri, Entratura A, Flat 5, Triq Joseph A. Deacon, Swatar, Birkirkara, u dan ingħad peress li 'tal-Qattus' hija kif inhi magħrufa dik iż-żona u ma tidentifikax it-triq. Tkompli tispjega però li f'dan il-każ eventwalment kienu waslu għall-indirizz it-tajjeb u la darba din ma tkunx ġiet ritornata lura lilhom din tfisser li tkun ġiet impustata u miġbura. F'każijiet bħal dawn l-ittra ma tkunx ġiet sempliċiment impustata, iżda xi ħadd ikun irid jiftaħ il-bieb u jiffirma kemm il-*pink card* u kif ukoll l-AR Card (*advice for delivery*).

Illi xehed in eżami[20] Tyrone Pace. Jispjega li hu jiġi t-tifel ta' Maria Sonia Pace, u jgħix fl-istess residenza tagħha. Jispjega li ħafna drabi hu jkun id-dar mal-ġurnata, fil-waqt li ommu tkun xogħol, għalhekk hu jiġbor ħafna karti li jiġu bil-posta. Jispjega li hu ma jiftakarx li qatt kien iffirma *pink card* biex jirċievi xi karti mill-Qorti, però fl-istess waqt hu jgħaraf li l-firma fuq il-*pink card* murija lilu tixbaħ ħafna il-firma tiegħu, u l-isem, kunjom u n-numru tal-karta tal-identita' hemm imniżżlin huma tiegħu. Jispjega li ommu u Mark Taliana kienu f'relazzjoni li eventwalment kienet ġiet terminata iżda ma jafx jekk kienx hemm kwistjonijiet finanzjarji.

Illi xehed in eżami[21] Nathan Bugeja (pustier). Jgħid li l-ittra ma kienitx tqassmet mal-ewwel tentattiv, iżda kienet tqassmet mat-tieni. Jispjega li jekk il-persuna lil min tkun indirizzata l-ittra ma tkunx id-dar, imma tkun fetħet il-bieb persuna

[19] A fol 147 *et seq* tal-proċess.
[20] A fol 164 *et seq* tal-proċess.
[21] A fol 171 *et seq* tal-proċess.

oħra, hu jħalli l-ittra ma' dik il-persuna u jitlob lil dik il-persuna tiffirmalu biex hu jkollu konferma li dik l-ittra tkun inġabret u ffirmat għaliha dik il-persuna. Jgħid li meta jagħmel dan hu ma jitlobx lill-persuna turieh il-karta tal-identità tiegħu biex jikkonferma l-identità.

Illi xehdet bil-mezz tal-affidavit[22] Maria Sonia Pace. Tispjega li hi qatt ma rċeviet ebda ittra fir-residenza tagħha li hija konnessa mal-kwistjoni tal-lum u qatt ma ffirmat xejn. Tgħid li hi kellha relazzjoni ma' Mark Taliana u dan kien iżomm kumpannija ta' nies li ma tantx kienu jogħġbuha, u kienu anke magħrufin mal-Pulizija. Tgħid li darba minnhom fi stat ta' paniku Taliana kien talabha sabiex jagħmlu kuntratt falz fejn ikun jidher li hi ser tbiegħ il-fond tagħha lilu. Huma kienu marru għand in-Nutar Ruben Debono biex jagħmlu dan il-konvenju u fejn kien spjegat lilha li jekk Taliana ma jħallasx dan il-konvenju ma jfissirx li Taliana jkollu dritt fuq il-proprjetà. Tgħid li mhux minnu li Taliana kien versa flejjes lin-Nutar. Tispjega li fil-frattemp Mark Taliana kien xtara vettura Vitz biex jerġa jbiegħha u lilha kienet għoġbitha u kien ġie miftiehem miegħu li żżommha u tħallsu tlett mitt Ewro (€300) fix-xahar tagħha. Tgħid li Taliana kien marid u kienet anke ddur bih.  Tgħid illi eventwalment ir-relazzjoni tagħhom kienet spiċċat, u għalhekk kien talabha lura ċ-ċwievet tal-karozza.

Illi xehed in eżami[23] Cleydine Pace li jiġi wkoll iben Maria Sonia Pace u jgħix fl-istess residenza magħha. Jispjega li ommu u Mark Taliana kienu f'relazzjoni li kienet eventwalment spiċċat. Jispjega li l-post fejn jgħix ma' ommu u ħutu ma jistax jinbiegħ għaliex l-art għadha ma daritx fuqhom mill-Awtorita' tad-Djar. Jgħid li hu jaf li kien sar forma ta' konvenju bejn ommu u Mark Taliana, u li dan kien konvenju falz li ommu kienet għamlitu bi pjaċir lil Taliana peress li kellu xi problemi fuq flus ma' terzi. Jgħid li l-ħsieb kien li Taliana ma terzi jidher li kien

[22] A fol 182 *et seq* tal-proċess.
[23] A fol 186 *et seq* tal-proċess.

ser jixtri dan il-fond biex imbagħad jgħidilhom li ser iħallashom meta hu jerġa jbiegħ dik l-istess proprjetà. Jgħid li qatt ma ġew mgħoddija flus.

Illi xehed in eżami[24] Elton Taliana. Dan iressaq estratt li jirrappreżenta komunikazzjoni diretta bl-SMS bejn Mark Taliana u Sonia Pace. Jgħid li dan l-estratt sar mill-mobajl ta' Mark Taliana.

Illi f'seduta oħra kompla jixhed in kontro-eżami[25] Elton Taliana. Jispjega li d-dejn in mertu huwa dejn li Sonia Pace kellha ma ħuh Mark Taliana, u li huma wasslu hawn illum wara li hu kien prova jiftiehem magħha b'mod ċivili. Jispjega li meta kienet rċeviet l-ittra, Sonia Pace kienet riedet li jiftehmu bonarjament u kienet offriet li tħallas mitt Ewro fix-xahar. Eventwalment kienu waslu fi ftehim li Sonia Pace tiffirma kambjala għas-somma ta' €17,500, u hi kienet anke ffirmata quddiem id-difensur tiegħu, iżda meta mbagħad hu qalilha li dawn hi trid tħallashom bl-imgħax, Sonia Pace kienet qattgħet il-karti kollha wara li kienet iffirmat. Jispjega li l-ftehim kien li hi ħa tħallashom bil-mod. Jispjega li lill-ħuh hi kienet tagħtih mitejn Ewro fix-xahar, u fil-fatt lilhom kienu ftehmu li tibqa' tħallashom l-istess. In ri-eżami jispjega li ħuh kien kellmu dwar din il-kwistjoni li kellu ma Sonia Pace. Jgħid li biex ħuh kien ħallas dawn il-flus lill-Sonia Pace, hu kellu jissellef dawn il-flus.

## Kunsiderazzjonijiet

Illi kif diġà ġie senjalat, din tal-lum hija deċiżjoni fuq talba magħmula a tenur tal-artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti qiegħda ssejjes l-azzjoni tagħha fuq il-fatt li l-ammont reklamat bħala dovut fl-ittri uffiċjali ppreżentati mill-aħwa Taliana fil-kont tagħha ma huwiex wieħed ċert,

[24] A fol 192 *et seq* tal-proċess.
[25] A fol 204 tal-proċess.

likwidu u dovut kif speċifikament titlob il-liġi. In oltre tattakka wkoll l-eżekuttivita' tal-ittri għaliex tgħid li dawn l-atti qatt ma ġew notifikati lilha kif imiss ai termini tal-Liġi.

**L-Ewwel Eċċezzjoni – *Fuori Termine***

Illi preliminarjament l-intimati aħwa Taliana jeċċepixxu l-irritwalita' ta' din il-proċedura għaliex jissottomettu li r-rikorrenti ppreżentat ir-rikors promotur ta' dawn il-proċeduri *fuori termine*.

Illi mid-dispożizzjoni tal-liġi relattiva[26] jemerġi li l-azzjoni li d-debitur jista' jieħu biex jitlob in-nullita' ta' titolu eżekuttiv ottjenut kontra tiegħu bis-saħħa ta' ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha tiġi mressqa fi żmien għoxrin (20) jum minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor ibbażat fuq dak l-istess titolu.

Illi huwa aċċettat li l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'liġijiet oħra speċjali li jirregola il-kondotta tal-proċeduri quddiem il-Qrati jew quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku[27] u ma jistgħu b'ebda mod jiġu mwarrba, lanqas jekk dan isir bil-kunsens tal-partijiet infushom. Saħansitra, dan ifisser li b'differenza għal termini ta' preskrizzjoni ġenerali, hawnhekk qiegħdin nitkellmu dwar terminu ta' dekadenza[28] stabbilit mil-liġi fejn

[26] Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[27] Fost oħrajn issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Paul M. Cassar *et* vs Victoria Tabone *et*** (App. Ċiv. Nru. 2/1999/2) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta' Marzu 2003. Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Mirjana Kovecevic vs Myoka Management Ltd** (App. Ċiv. Nru. 28/2009) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' Frar 2010, u **Kenneth Abela vs Aplan Limited *et*** (App. Ċiv. Nru. 17/2007)mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Frar 2008.
[28] Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Wasim Rakib vs Bord tal-Appelli Dwar ir-Rifuġjati *et*** (App. Ċiv. Nru. 788/2015) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-5 ta' Ottubru 2018, fejn ingħad hekk: "*Illi termini ta' żmien stabbiliti mil-liġi għat-tressiq ta' atti tal-Qorti għandhom il-karatteristika ta' termini ta'*

l-ebda sospensjoni jew interruzzjoni[29] ta' dawn it-termini m'hi possibbli sakemm mhux f'każijiet eċċezzjonali hekk prevvisti mill-liġi stess. Għalhekk in-natura ta' dawn it-termini proċesswali hija waħda inderogabbli u għalhekk fil-konfront tagħhom ma jistgħux jiġu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni[30].

Illi l-osservanza tat-termini proċesswali stabbiliti fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u f'liġijiet speċjali oħrajn teħtieġ taħt piena ta' rritwalita' u nullita' tal-proċeduri li għandha. Jingħad f'dawn l-istanzi n-nullita' tattakka l-att innifsu. Dak l-att li fil-proċedura hu null għandu jitqies daqs li kieku qatt ma sar[31].

Illi hemm raġuni għaliex l-għoxrin (20) jum, f'sitwazzjonijiet bħal dawk tal-lum, jiskattaw min-notifika ta' mandat eżekuttiv jew att ġudizzjarju ieħor li huwa msejjes fuq dak l-istess titolu eżekuttiv, u mhux minn meta ssir din l-istess ittra tiġi notifikata, u dan huwa purament sabiex jissalvagwardja bl-aħjar mod possibbli d-drittijiet ta' dak l-istess allegat debitur. Qiegħed jingħad dan għaliex waħda mir-raġunijiet fl-artikolu 166A(5) hija dik propju in-nuqqas ta' notifika b'dik l-ittra uffiċjali.

Illi jirriżulta li fil-kwistjoni tal-lum kienu ġew preżentati żewġ ittri uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' Maria

---

*dekadenza, u għalhekk huma perentorji. Dawn jitlobu l-ħarsien ad unguem u huma ta' ordni pubbliku, li jistgħu jitqajmu ex ufficio minn qorti jew minn tribunal. Huma termini li ma jistgħux jinbidlu jew jitttawlu, imqar jekk kull parti taqbel dwar dan."*

[29] Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor George Scerri *et* vs Awtorita' tal-Artijiet *et*** (App. Ċiv. Nru. 121/2019/1LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-29 ta' Ottubru 2020.

[30] F'dan is-sens ara s-sentenza fl-ismijiet **Daniela Zwack-Wandrey vs Messers. In-Sight Ltd** (App. Ċiv. Nru. 505/2009/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru 2010.

[31] Il-Qorti hawn tissenjala dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Salina Wharf Marketing Limited vs Malta Tourism Authority** (App. Ċiv. Nru. ) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri fit-12 ta' Diċembru 2007), u fis-sentenza fl-ismijiet **Miller Distributors Limited vs Michael Chetcuti** (Avv. Nru. 147/2017CSH) mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-15 ta' Mejju 2018.

Sonia Pace, ċioe' dik enumerata 1749/2022 fl-20 ta' Lulju 2022 li saret fir-reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati, u oħra enumerata 95/2022 fil-15 ta' Settembru 2022 li saret fir-reġistru tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Jibda biex jingħad illi waqt it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet, irriżulta li dawn iż-żewġ ittri uffiċjali hawn riferiti jirrigwardaw l-istess debitu, ċioe' dak ta' sbatax-il elf u ħames mitt Ewro (€17,500).

Illi skond kif ħareġ mit-trattazzjoni orali, peress li l-valur kopert minn dik l-ewwel ittra jaqa' barra mill-kompetenza *rationae valoris* tal-Qorti tal-Maġistrati, meta l-intimati aħwa Taliana rrealizzaw bl-iżball tagħhom, huma ma kienux irtiraw l-ewwel ittra, u minflok kienu pproċedew sabiex jippreżentaw ittra uffiċjali addizzjonali fil-Qorti korretta. Għal fini tal-eċċezzjoni preliminari li qed tiġi mistħarrġa hawnhekk mill-atti jemerġi li dawn iż-żewġ ittri uffiċjali kienu ġew reżi eżekuttivi skond l-artikolu 166A fis-7 ta' Settembru 2022[32], u fit-30 ta' Novembru 2022[33] rispettivament. Jemerġi wkoll li fit-3 ta' Jannar 2023 kien inħareġ mandat ta' sekwestru eżekuttiv[34], liema mandat kien ibbażat biss fuq it-tieni ittra uffiċjali, ċioe dik enumerata 95/2022.

Illi filwaqt li r-rikorrenti Pace sal-lum ma jidhirx li għadha ġiet uffiċjalment notifikata b'dan il-mandat eżekuttiv, mill-assjem tal-provi jirriżulta li fil-15 ta' Frar 2023 hija kienet ġiet notifikata b'ċedola maħruġa fit-2 ta' Frar 2023, liema ċedola saret a bażi tal-ħruġ tal-mandat qabel imsemmi. Huwa punt indubitat li ċedola ta' depożitu mressqa fir-reġistru tal-Qorti tikkwalifika bħala att ġudizzjarju kif titlob il-liġi[35]. Dan ifisser li fir-rigward tal-ittra uffiċjali enumerata

[32] Ittra uffiċjali enumerata 1749/2022.
[33] Ittri uffiċjali enumerata 95/2022.
[34] Mandat ta' Sekwestru Nru 6/2023.
[35] F'dan is-sens il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Vodafone Malta Limited vs Nathan Darmanin** (Avv. Nru. 108/2013) mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-29 ta' Mejju 2013.

95/2022 it-terminu perentorju ta' għoxrin (20) ġurnata skatta mid-data tan-notifika taċ-ċedola fil-15 ta' Frar 2023, b'dana li tali terminu kien jiskadi fis-7 ta' Marzu 2023. Għalhekk fil-kwistjoni tal-lum jirriżulta li b'referenza għall-ittra uffiċjali enumerata 95/2022, meta r-rikors odjern ġie ppreżentat mir-rikorrenti Pace fit-2 ta' Lulju 2024, dan sar ferm u ferm wara l-iskadenza tal-imsemmi terminu proċesswali. Iċ-ċedola relattiv ġie mressaq bis-saħħa ta' mandat eżekuttiv li nħareġ wara l-ottjeniment tat-titolu eżekuttiv miksub bl-ittra hawn lamentata.

Illi għal dawn ir-raġunijiet, fil-konfront tal-ittra uffiċjali enumerata 95/2022, din l-eċċezzjoni preliminari qed tiġi milqugħa.

**<u>Mertu – In-notifika tal-Ittra Uffiċjali 1749/2022</u>**

Illi fil-waqt li hawn fuq ġiet analizzata l-validità ta' dan ir-rikors fil-konfront tal-ittra uffiċjali enumerata 95/2022, jirriżulta li l-intimati Taliana kienu għamlu ittra uffiċjali oħra qabel din, ċioe' dik enumerata 1749/2022. Din l-ittra ġiet preżentata fir-reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati. Waqt it-trattazzjoni orali ta' dawn il-proċeduri, kienu l-intimati stess li rrikonoxxew il-fatt illi din l-ittra m'għandhiex saħħa u valur peress li l-ammont hemm kopert (sbatax il-elf u ħames mitt Ewro), jaqa' barra mill-kompetenza *ratione valoris* ta' din l-istess Qorti. Saħansitra huma jkomplu jispjegaw li kienet għal din ir-raġuni li din l-ittra minflok ġiet segwita b'mandat eżekuttiv, f'dan il-każ, reġa' nbeda l-proċess mill-bidu, u dana billi ġiet preżentata ittra uffiċjali ġdida[36] fir-reġistru tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

Illi filwaqt li din il-Qorti allura tifhem li l-intimati aħwa Taliana rrinunzjaw għall-effetti ta' dik l-ewwel ittra uffiċjali bil-fatt li warajha ressqu ittra oħra mill-ġdid

[36] Jiġifieri dik enumerata 95/2022.

(dik enumerata 95/2022), u anke jirrikonoxxu fid-difiża tagħhom li din kienet ħarġet ħażin, madanakollu jibqa' wkoll li fatt li la darba din l-ittra xorta waħda qed tiġi attakkata fir-rikors in mertu, hija xorta waħda trid tidħol ftit fuqha.

Illi mingħajr dilungar żejjed, għaliex il-provi huma dawk li huma, jingħad li notifika tista' ssir kemm b'mod dirett u kemm indirettament[37]. Fl-ewwel ipoteżi, il-lok ta' fejn isseħħ in-notifika huwa wieħed irrelevanti[38] mentri fit-tieni lok, hija l-liġi li tgħid b'mod ċar x'inhuma r-rekwiżiti u ma' min jista' jitħalla att ġudizzjarju. L-artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> *(1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha. Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jagħmel żewġ tentattivi oħra biex jinnotifika l-kopja tal-iskrittura mingħajr ebda awtorizzazzjonijiet oħra mill-qorti u dawn it-tentattivi għandhom isiru f'ħinijet differenti tal-ġurnata bl-aħħar tentattiv ta' notifika jsir wara l-ħinijiet ġudizzjarji. Kull tentattiv ta' notifika għandu jsir wara li jitħallas id-dritt xieraq dovut lir-reġistru.*

[37] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Cassar Aveta vs Citadel Insurance plc**, (App Ċiv Nru: 123/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-28 ta' Marzu 2007.

[38] Dwar l-artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ta' interess dak li ġie raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Bezzina *et* vs Dr. Emanuel Bezzina**, (App Ċiv Nru: 4/2009/2) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Novembru 2011.

*L-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jirreġistra ċertifikat separat ta' notifika fl-atti ġudizzjarji għal kull tentattiv li jkun sar.*

Illi ġie ripetutament imfakkar li r-rekwiżit li n-notifika tkun seħħet b'mod regolari hija kwistjoni t'ordni pubbliku u b'hekk il-proċedura għandha tiġi segwita *ad unguem*. In-nuqqas li n-notifika ssir validament għandha konsegwenzi gravi, inkluż it-tħassir ta' dak kollu jkun sar abbażi tal-istess notifika[39].

Illi sabiex notifika indiretta tiġi meqjusa waħda valida kopja tal-att għandha: (i) titħalla fil-post fejn toqgħod jew taħdem il-persuna li trid tiġi notifikata; u (ii) titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha[40].

Illi applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, huwa pależi li n-notifika hija waħda valida u dan peress li kif irriżulta ampjament ċar mix-xhieda fil-każ odjern, il-firma u anke n-numru tal-karta tal-identità fuq il-*pink card* tal-ittra uffiċjali in kwistjoni hija ta' iben ir-rikorrenti, Tyrone Pace, li dakinhar tal-firma kien ukoll maġġorenni u huwa residenti fl-istess indirizz tar-rikorrenti Pace. Fil-waqt li Tyrone Pace jgħid li ma jiftakrux li ffirma għal karti mill-Qorti, huwa jgħid li l-firma fuq il-karta tixbah ferm il-firma tiegħu, u n-numru tal-karta tal-identità

---

[39] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Soap and Sponge Company Limited vs SMT Developers Company Limited**, (Ċit Nru: 1736/1998/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-10 ta' Ġunju 2005 fejn ingħad hekk: "*Illi l-Qorti tifhem li l-proċedura mfissra fl-artikolu 187 tal-Kodiċi tal-Proċedura għandha tiġi segwita b'reqqa u n-nuqqas ta' ħarsien tagħha jġib konsegwenzi radikali għas-siwi ta' kulma jkun sar bi ksur tagħha*". Bl-istess mod, issir referenza għal dak raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Josette Camilleri vs The Malta Union Club *et***, (Rik Nru: 1164/2019) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-25 ta' Frar 2022.

[40] F'dan is-sens din il-Qorti tirreferi għas-sentenza riċenti fl-ismijiet **Western Company Limited vs Spiridione Muscat** (App. Ċiv. Nru. 45/2023/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-15 ta' Lulju 2025.

jaqbel ma dak tiegħu. Mela allura r-rikorrenti ma setgħetx tinqeda b'dawn il-proċeduri fir-rigward ta' din l-ittra u l-motivi miġjuba minnha bħala raġuni għat-tħassir tal-istess huma ħżiena.

Illi jiġi wkoll imfakkar hawnhekk li referta ta' marixxall huwa dokument uffiċċjali li jgawdi mill-preżunzjoni *omnia praesumuntur legittime facta, donec probetur contrarium*[41], ċioe' kull oġġett huwa presunt li sar kif suppost sakemm ma titressaqx prova kuntrarja għal dan. Għalhekk għal dawn ir-raġunijiet anke n-notifika ta' din l-ewwel ittra għandha titqies li saret kif titlob il-liġi. Jerġa jingħad però li għal din il-Qorti huwa altru milli ċar li l-intimati ma jistgħux aktar jeżegwixxu din l-ittra għaliex irrinunzjaw għall-effetti tal-istess. Fil-fatt dik l-ittra ma ġiet eżegwita bl-ebda mod.

Illi mill-bqija, minn imkien fir-rikors odjern ma jirriżulta li l-lamentali hekk imressqa mir-rikorrenti jistgħu b'xi mod jitqiesu li jaqgħu taħt iċ-ċirkostanzi speċifikament koperti taħt l-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan qed jingħad peress li din l-istess ittra ma ġietx segwita b'att eżekuttiv kif jitlob l-istess artikolu. Fi kwalunkwe każ, l-Qorti ma sabet l-ebda nuqqasijiet fl-ittra, fit-termini tal-istess liġi[42].

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kwistjoni billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati aħwa Taliana sa fejn din tirrigwarda l-ittra bin-numru 95/22 fis-sens li l-azzjoni mressqa mir-rikorrenti Pace ġiet ippreżentata *fuori termine* u konsegwentement tiddikjara l-azzjoni fir-rigward ta' dik l-ittra

---

[41] "*Ogni cosa si presume fatta legittimamente, fino a prova contraria*" Brocard 3433, **Dizionario Dei Termini Giuridici e Dei Brocardi Latini**, Edoardo Mori, VII ediz, 2011, a fol 327.

[42] Tassew, anke fit-trattazzjoni tal-għeluq, r-rikorrenti tilmenta biss min-nuqqas ta' notifika. Ara fol 206 tal-proċess. Kien biss wara li għalqu t-trattazzjoni l-intimati li ġie, kważi *en passant* li ġew indikati lamenteli oħra.

irritwali u nulla, filwaqt li tiċħad il-bqija tat-talbiet sa fejn magħmula fir-rigward tal-ittra 1749/2022.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mir-rikorrenti Maria Sonia Pace.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur